# PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. ROBERT G. MANGION

### ILLUM, 24 TA' APRIL, 2023

Fl-atti tar-rikors għal ħruġ ta'Mandat ta' Inibizzjoni nru 528/2023 fl-ismijiet:

**Matthew Dale Love**

**vs.**

**Vivien Galea Pace**

**Il-Qorti,**

1. Dan huwa digriet finali dwar rikors ta' Matthew Dale Love (aktar 'l isfel imsejjaħ **ir-Rikorrent**) fejn qed jintalab il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimata Vivien Galea Pace (aktar 'l isfel imsejjħa **l-Intimata**) ai termini tal-**artikolu 874 tal-Kapitolu 12** tal-Liġijiet t'a Malta.

2. B'rikors intavolat fit-30 ta' Marzu, 2023, ir-Rikorrent qed jitlob li l-Qorti iżżomm lill-Intimata milli tbiegħ, titrasferixxi jew b'xi mod

ieħor tiddisponi *inter vivos* sew b'titolu oneruż jew gratuwitu l-appartament li jinsab fil-ħames sular ta' blokk ta' bini li jikkonsisti f'numru ta' appartamenti u ħanut, liema appartament huwa internament immarkat bin-numru 4 u għandu entrata komuni mal-imsemmija appartamenti l-oħra bin-numru 210, Triq it-Torri, tas-Sliema u dan in kawtela tal-pretensjoni tar-Rikorrent fil-konfront tal-Intimata **fis-somma ta' €212,360.32** liema pretensjoni tifforma parti mill-mertu ta' kawża, pendenti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, fl-ismijiet "Matthew Dale Love vs. Kurt Galea Pace u Vivien Galea Pace" (510/2019MH).

3. B'digriet tat-30 ta' Marzu, 2023 il-Qorti laqgħet provviżorjament it-talba, appuntat ir-rikors għas-smiegħ għad-19 ta' April, 2023 filwaqt li ordnat in-notifika lill-Intimata bil-fakolta' ta' risposta fi żmien għaxart ijiem.

4. Permezz tar-risposta tagħha ppreżentata fl-4 ta' April, 2023 l-Intimata qed topponi għat-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra tagħha. Tgħid illi l-pretensjoni tar-Rikorrent fil-konfront tagħha ma tikwalifikax bħala jedd *prima facie* u għalhekk ma jirriżultawx l-estremi għall-ħruġ tal-mandat mitlub.

5. Fis-seduta tad-19 ta' April, 2023 l-qorti semgħat it-trattazzjoni tal-abbli avukati tal-partijiet u ħalliet ir-rikors għall-provvediment kamerali.

Ikkunsidrat;

6. Il-mandat ta' inibizzjoni li r-Rikorrent qed jitlob li jinħareġ kontra l-Intimata huwa dak previst fl-**Artikolu 874 tal-Kapitolu 12** tal-Liġijiet ta' Malta intiż sabiex jikkawtela, pendenti l-eżitu ta' kawża fil-mertu, kreditu jew pretensjoni b'valur li jeċċedi s-somma ta'

€11,646.86 bil-għan li fl-eventwalita’ li l-kreditu pretiż jiġi kanonizzat il-kreditur kanonizzat ikun jista’ jdur fuq il-proprjeta’ milquta bil-mandat sabiex jitħallas, liema proprjeta’ mhux neċessarjament tkun immobbli iżda tista’ wkoll tkun mobbli. Jekk dak li jkun irid jinżamm milli jsir ikun diġa sar, ma jibqax lok biex it-talba għall-ħruġ tal-mandat tintlaqa’ (ara **Rachel Mifsud vs. Anthony Fountain et** (Mand. Inib. Nru 431/2009) degretat fit-30 t’April 2009). Inżamm ukoll illi l-qorti għandha tiċħad talba għall-ħruġ ta’ mandat ta’ inibizzjoni jekk *ad exemplum* fil-kors tas-smiegħ tirriskontra elementi fit-talba li jmorru kontra l-ordni pubbliku. (**Catherine Farrugia vs. David Lauri** - Prim’ Awla - 23 ta’ Jannar 2018).

7. Il-mandat ta’ Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta’ natura eċċezzjonali (ara **Charles Mugliett vs. Saviour Bonnici** (Rik Nru 2086/1997) degretat fil-25 ta’ Jannar 2005; **Angelo Xuereb vs. Marin Hili** (Rik Nru 3135/94) degretat fit-22 ta’ Settembru 1995).

8. Jiġi osservat illi l-effetti ta’ mandat taħt artikolu 874 ma jinkludux it-twaqqif tat-tgawdija jew tal-użu tal-proprjeta’ milquta bil-mandat hekk maħruġ. It-tgawdija ta’ proprjeta’ ma taqa’ taħt l-ebda waħda mill-projbizzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 874. Opportun jiġi wkoll notat illi trasferiment ta’ immobbli milqut b’mandat maħruġ bis-saħħa ta’ Artikolu 874, li ma hux eċċettwat bl-Artikolu 874 (1), huwa null u bla effett.

9. Minn digriet li jiċħad jew jilqa’ talba għall-ħruġ ta’ mandat kawtelatorju bħalma hu l-mandat ta’ inibizzjoni ma hemmx appell. Min jikkontesta tali deċiżjoni jrid jipproċedi fil-kontradittorju permezz ta’ rikors ġuramentat u jkun imbagħad minn dik id-

deċiżjoni tal-Prim Awla li jkun hemm dritt ta' appell.[1] Naturalment sakemm min milqut b'mandat kawtelatorju ma jipproċediex fit-termini stretti kif dispost bl-artikolu 836 tal-Kap. 12.[2]

10. Qabel l-Att XIV tal-2006 il-mandat ta' inibizzjoni kien regolat bl-Artikolu 873 li kien jirregola fl-ewwel lok mandat li jwaqqaf xogħolijiet, ħsara u dħul f'binjiet [3]; filwaqt li fit-tieni lok kien jirregola iż-żamma ta' bejgħ ta' trasferiment ta' proprjeta' sabiex jikkawtela kreditu pretiż[4]. Kollox kien regolat bl-Artikolu 873 kif viġenti dak iż-żmien li kien jagħmel distinzjoni netta bejn l-inibizzjoni dwar kostruzzjoni jew ħatt ta' bini jew dħul fih min-naħa; u l-inibizzjoni dwar kreditu pretiż, min-naħa l-oħra. F'ta' l-ewwel kien meħtieġ li l-qorti tkun sodisfatta li r-rikorrent għandu jedd *prima facie* u li l-mandat kien meħtieġ sabiex jiġi mħares tali jedd; f'tat-tieni kien meħtieġ mhux biss li l-qorti tkun sodisfatta li r-rikorrent kellu jedd *prima facie* u li l-mandat kien meħtieġ għall-ħarsien ta' tali jedd; iżda wkoll "li jekk dak il-mandat ma jinħariġx il-preġudizzju li jinħoloq ma jkollu ebda rimedju għalih". Bl-Att XIV tal-2006 dan it-tielet element ġie eliminat mill-mandat ta' inibizzjoni għall-kawtela ta' kreditu pretiż.

11. Permezz tal-Att XIV tal-2006 id-disposizzjonijiet dwar il-mandat ta' inibizzjoni b'kawtela ta' kreditu pretiż ġew estrapolati mill-artikolu 873 sabiex issa huwa regolat bl-Artikolu 874, li jitratta

---

[1] Ara **Edgar Baldacchino et v. Joseph Bellizzi** - Appell (Superjuri) - 10 ta' Awissu, 1953; **Darryl Francis Grima pro et noe v. L-Onor. Prim Ministru et noe** - Qorti Kostituzzjonali - 21 ta' Ġunju, 1988; **Paul Tanti pro et noe et v. Sammy Mifsud pro et noe et** - Appell (Superjuri) - 19 ta' Novembru, 2001; **Josef Gatt v. Marisa Gatt** - Appell (Superjuri) 8 ta' Mejju, 2003; **Edward Baldacchino v. Direttur Qrati u Tribunali Ċivili** - Appell (Superjuri) - 6 ta' Lulju, 2007.

[2] "1) <u>Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra,</u> l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmelrikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:….." (sottolinear tal-Qorti).

[3] Art 873 (1) pre-Att XIV tal-2006

[4] Art 873 (5) pre-Att XIV tal-2006

esklussivament tali mandati in kawtela ta' krediti. Kif rajna l-frażi "li jekk dak il-mandat ma jinħariġx il-preġudizzju li jinħoloq ma jkollu ebda rimedju għalih" ma nżammitx bl-Att XIV tal-2006 fl-Artikolu 874. B'effett tal-emendi introdotti bl-att imsemmi twessgħu l-eċċezzjonijiet taċ-ċirkostanzi mhux milquta b'tali mandat fejn qabel kienu eżenti biss trasferimenti ordnati minn qorti wara l-ħruġ tal-mandat, *ad exemplum* diviżżjoni ta' proprjeta' ordnata mill-qorti jew bejgħ b'irkant b'ordni tal-qorti[5], b'effett tal-emendi ġew inklużi wkoll bħala eżenti mill-effetti ta' mandat ta' inibizzjoni t-trasferimenti b'effett ta' garanziji bankarji u ittri ta' kreditu.

12. Il-liġi viġenti hija ċara dwar l-iskop tal-mandat ai termini tal-**Artikolu 874 tal-Kap. 12**:

> (1) Mandat ta' inibizzjoni jista' jintalab ukoll minn kreditur biex jiżgura dejn, jew kull pretensjoni oħra li tkun tammonta għal mhux inqas minn ħdax-il elf sitt mija u sitta uerbgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmu (11,646.86). L-iskop ta' dan il-mandat hu biex iżomm lid-debitur milli jbigħ, jittrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos* mill-proprjetà li tiġi indikata fir-rikors b'titolu oneruż jew gratuwitu jew b'xi mod joħloq piż jew drittijiet reali u, jew personali;

13. Fil-fehma tal-Qorti huwa applikabbli għall-mandat taħt Artikolu 874, **is-sub inċiż 2 tal-Artikolu 873** li jipprovdi illi:

> (2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex

[5] Ara **Joseph Vella et. vs. Gino Zammit et.** - Appell (Superjuri) - 23 ta' Novembru, 2020; **Michelangelo Cutajar v. Nicholas Cutajar et.** - Appell (Superjuri) - 28 ta' Frar, 2020;

jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet.

14. L-emfasi tal-artikolu appena ċitat huwa evidenti, u ċioe' li mandat ta' inibizzjoni huwa miżura straordinarja li għandu jinħareġ biss meta jirriżultaw l-estremi kontemplati fil-liġi, liema elementi għandhom jingħataw interpretazzjoni stretta. (ara **Pancontinental Oil & Gas NL et vs. Il-Prim Ministru** - Prim' Awla - digriet mogħti 15 ta' Diċembru 2011).

15. Illi bl-użu tal-kelma 'u' fit-tieni sub-artikolu tal-Artikolu 873, il-leġislatur ried li ż-żewġ elementi ikunu kumulattivi u mhux alternattivi. B'dan ifisser għalhekk illi jekk wieħed minn dawn iż-żewġ elementi jkun nieqes, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak. Tajjeb jingħad ukoll li l-proċedura tal-mandat hija waħda sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smiegħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk meħtieġ li r-rikorrent irid juri li mad-daqqa t'għajn għandu tali jedd.

16. Għalhekk il-Qorti tqis illi min jinvoka Artikolu 874 tal-Kap. 12 jeħtieġ (i) juri li għandu jedd *prima facie* ta' kreditu kontra l-intimat; (ii) li tali kreditu pretiż jeċċedi s-somma ta' €11,646.86 u (iii) li jispeċifika bil-mod li trid il-liġi l-immobbli li qed jintalab li jiġi kolpit bil-mandat kif ukoll il-partikolaritajiet tal-allegat debitur salv obbligi oħra bħal abbozz tan-nota' ta' insinwa u n-notifiki.

**Jedd *prima facie* dwar pretensjoni li tisboq €11,646.86**

17. Artikolu 874 jibda billi jipprovdi illi mandat ta' inibizzjoni jista' jintalab "ukoll" minn kreditur sabiex jiżgura dejn jew kull pretensjoni oħra li tiżboq is-somma ta' €11,646.86. Dwar jekk fl-applikazzjoni tal-Artikolu 874 hemmx il-ħtieġa tal-prova tal-jedd *prima facie*, il-ġurisprudenza hija konsistenti fis-sens illi tal-element huwa meħtieġ għall-akkoljiment tat-talba. Pero' x'jikkostitwixxi jedd *prima facie* fl-applikazzjoni tal-Artikolu 874 mhux daqstant inekwivoku.

18. Inżamm, *ad exemplum,* fil-provvediment finali fl-ismijiet "fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1047/18 fl-ismijiet: **MPM Capital Investments Ltd vs Alfred Anton Zarifa et**" (rikors revoka 1047/2018) mogħti fis-27 ta' Awissu, 2018 illi:

> "Tqis li għal dak li jirrigwarda s-sottomissjonijiet tal-intimati dwar jekk MPM għandhiex il-jedd mad-daqqa t'għajn li titlob il-ħruġ tal-Mandat, il-Qorti hija tal-fehma li għalkemm huwa minnu li dan l-element huwa meħtieġ bħal fil-każ ta' kull Mandat ta' Inibizzjoni ieħor, madankollu, ma jistax jingħad li l-kriterji huma l-istess. Dan jingħad għaliex, għall-finijiet tal-artikolu 874 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-kejl waħdieni huwa biss jekk kemm-il darba l-pretensjoni ta' min jitlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dak taqbiżx l-ammont ta' ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmi (€ 11,646.86). Jekk taqbeż dik is-somma, dak l-element jikkostitwixxi l-jedd mad-daqqa t'għajn tar-rikorrenti biex jinħareġ il-Mandat minnha mitlub;"

19. Bid-dovut rispett din il-Qorti ma taqbilx għal kollox. Jekk il-kejl waħdieni taħt l-Artikolu 874 huwa biss jekk il-pretensjoni taqbiżx is-somma imsemmija, ikun ifisser illi kwalunkwe pretensjoni eċċedenti tali somma tikwalifika bħala jedd *prima facie* li timmerita l-kawtela taħt l-Artikolu 874. Fil-fehma tal-Qorti il-kriterji għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni taħt l-Artikolu 874 ma humiex l-istess bħala *ad exemplum* il-kriterji għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru

kawtelatorju fejn għall-ħruġ tiegħu l-liġi tirrikjedi biss il-konferma bil-ġurament tar-rikors fuq il-formola preskritta.

20. Fil-fehma ta' din il-Qorti, bil-fatt biss li l-leġislatur impona fuq il-qorti l-obbligu illi qabel tiddeċiedi tali rikors jeħtieġ li tappunta r-rikors għas-smigħ, bil-fakolta' li tisma' l-provi li tqis meħtieġa u s-sottomissjonijiet tal-partijet, jitfa' fuq il-qorti d-dover illi qabel tiddeċiedi rikors taħt l-Artikolu 874 tiddelibera dwar jekk verament jirriżultax *prima facie* l-jedd pretiż. Dak li l-ġurisprudenza s-sejjaħ il-*fumus boni juris*. Huwa għalhekk li sub-inċiż 3 tal-Artikolu 875 jipprovdi illi l-Qorti għandha tappunta r-rikors għas-smigħ sabiex mhux biss tisma' lir-rikorrent dwar il-jedd *prima facie* minnu pretiż; iżda wkoll lill-intimat dwar għaliex tali mandat m'għandux jinħareġ. B'differenza minn mandati kawtelatorji oħra, l-intimat f'azzjoni taħt l-Artikolu 874 għandu l-opportunita' li jinstema sabiex fost l-oħrajn jsostni li r-rikorrent ma weriex sodisfaċentement li *prima facie* għandu l-jedd pretiż.

21. Artikolu 874 ma għandux jinqara f'iżolament iżda jeħtieġ li jinqara flimkien mal-Artikolu 873 li kif rajna jrid illi l-qorti m'għandhiex toħroġ mandat ta' inibizzjoni jekk qabel xejn ma tkunx sodisfatta li r-rikorrent *prima facie* jidher li għandu l-jedd pretiż. Kif inżamm mill-Qorti tal-Appell Superjuri fis-sentenza **L. & A. Camilleri Ltd -vs- Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud"** mogħtija fil-5 ta' Ottubru, 2001 dwar l-interpretazzjoni tal-liġijiet

> "…anke l-kelma tal-ligi kellha tigi interpretata fl-isfond tas-sens kollu tad-disposizzjoni taht ezami u kif din tinkwadra fl-ispirtu tal-legislazzjoni shiha. Principji dawn li japplikaw fl-interpretazzjoni ta' kull disposizzjoni ta' dritt….".

22. Artikolu 874 iqiegħed l-elementi meħtieġa għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni hemm kontemplat fuq l-istess keffa bħal l-artikolu 873 in kwantu jipprovdi testwalment illi: "Mandat ta' inibizzjoni jista' jintalab **ukoll** minn kreditur biex jiżgura...." (emfasi tal-Qorti). Imkien ma jingħad illi għall-ħruġ tiegħu il-qorti għandha tagħmel eżerċizzju divers minn dak kontemplat fl-Artikolu 873. Huwa minnu li kif kienet il-liġi qabel l-Att XIV tal-2006 il-kejl li kellha tagħmel il-qorti qabel tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex tikkawtela kreditu pretiż kien differenti mill-mandat l-ieħor; pero' tali distinzjoni ġiet eliminata bl-emendi u biż-żieda bis-saħħa tal-imsemmi att. Ironikament jiġi osservat illi qabel l-Att XIV tal-2006, l-elementi għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni in kawtela ta' kreditu pretiż kienu aktar rigorużi minn dawk għall-ħruġ tal-mandat "ġenerali" u mhux vice versa.

23. Fil-fehma ta' din il-Qorti u meħud ukoll in konsiderazzjoni l-isfond storiku tal-Artikoli 873 u 874 tal-Kap. 12, il-liġi viġenti llum ma tagħmilx distinzjoni fl-elementi li jeħtieġ li jiġu sodisfatti sabiex jinħareġ mandat ta' inibizzjoni taħt wieħed jew ieħor mill-artikoli imsemmija. Għalhekk din il-Qorti tqis illi għall-finijiet tal-Artikolu 874 l-eżami li trid tagħmel il-Qorti la huwa anqas u lanqas aktar rigoruż minn dak kontemplat fl-Artikolu 873.

24. Il-Qorti tqis għalhekk illi anke taħt l-Artikolu 874 r-rikorrenti jridu jissodisfaw żewġ elementi sabiex jistħoqqilhom jiksbu l-ħruġ tal-mandat: (i) ir-rikorrenti jkunu jidhru li għandhom, mad-daqqa t'għajn (prima facie), dawk il-jeddijiet (*fumus boni juris*), u (ii) iridu juru li l-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu dawk il-jeddijiet li jippretendu li għandhom (*periculum in mora*).

25. Illi l-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux

suġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant. Ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tal-14 ta' Lulju 1988 fil-kawża **Sonia Grech pro et noe vs Stephanie Manfrè** li 'huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant. Jew il-jeddijiet jidhru *prima facie*, ma' l-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat.'

26. Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għall-provvediment finali fl-atti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni fl-ismiijet: **IAS Limited v. George Felice et.** (Rik 1062/2020) mogħti minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-30 ta' Awissu, 2020) fejn b'applikazzjoni tal-Artikolu 874 tal-Kap. 12 jingħad *inter alia:*

> "……….t-tifsira li IAS tagħti tal-pretensjoni tagħha għall-ħruġ ta' dan il-Mandat lanqas mad-daqqa t'għajn ma tissoddisfa lil din il-Qorti li hija tajba. Dan jingħad għaliex id-danni li IAS tgħid li ġarrbet bl-ebda mod ma timputahom għall-imġiba tal-intimati imma ta' terzi li mhumiex parti f'din il-proċedura;"

27. Fil-każ odjern ir-Rikorrent jikkontendi illi għandu pretensjoni ta' €212,360.32 kontra l-Intimata u kontra binha Kurt Galea Pace. Fil-qosor, irriżulta li għal ħabta tas-sena 2015 ir-Rikorrent kien inkariga lil Kurt Galea Pace sabiex jeżegwixxi diversi xogħolijiet fil-fond proprjeta' tiegħu, 48, Triq San Rokku Ħal Kirkop. L-inkarigu kien ingħata a bazi ta' diversi *quotations* mogħtija minn Kurt Galea Pace, u mhux mill-Intimata, u aċċettati mir-Rikorrent. Jidher illi x-xogħolijiet bdew jiġu eżegwiti u saru diversi pagamenti. Fl-20 ta' Marzu, 2017[6] ir-Rikorrent u Kurt Galea Pace ifformalizzaw l-appalt

[6] Kopja a fol. 9

mogħti preċedentement billi resqu fuq skrittura ta' appalt, iddikjaraw illi l-prezz globali tal-appalt kien ta' €165,450.66 u li minn dik is-somma r-Rikorrent kien diġa ħallas lil Kurt Galea Pace s-somma ta' €97,212.52. Sussegwentement Kurt Galea Pace talab lir-Rikorrent sabiex jeffettwa pagamenti ulterjuri mhux aktar fil-kont bankarju tiegħu iżda fil-kont ta' ommu l-Intimata.

28. Mill-atti jirriżulta illi s-somma ta' €212,360.32 indikata mir-Rikorrent bħala l-kreditu minnu pretiż kontra l-Intimata jirrapreżentaw (i) in kwantu għas-somma ta' €103,300.00 penali ta' mitt ewro (€100) kuljum b'effett mis-7 ta' Awissu 2017 in forza ta' klawsola ta' penali fl-iskrittura ta' appalt fuq imsemmija bejn ir-Rikorrent u Kurt Galea Pace; (ii) €26,439.50 danni inkorsi mir-Rikorrent konsistenti f'kirjiet ta' proprjetajiet alternativi minħabba li l-appalt miftiehem fuq l-iskrittura imsemmija ma ġiex kompletat, u (iii) l-kumplament, ħlasijiet għal xogħolijiet allegatament ma ġewx eżegwiti.

29. Il-pretensjoni tar-Rikorrent fil-konfront ta' l-Intimata hija msejsa fuq l-allegazzjoni illi meta Kurt Galea Pace talbu sabiex ma jibqax jibgħat il-pagamenti lilu iżda jibda jitrasferihom f'kont bankarju ta' ommu l-Intimata, huwa kien qallu li l-Intimata kienet involuta fl-appalt "għaliex kienet tiġġestixxi n-negozju tiegħu". Minn imkien ma jirriżulta li r-Rikorrent qatt iltaqa' mal-Intimata jew almenu ikkorrisponda magħha dwar dan l-appalt. Fuq il-kuntratt ta' appalt iffirmat fl-20 ta' Marzu 2017 bejn ir-Rikorrent u Kurt Galea Pace l-Intimata ma tidher imkien, la direttament u lanqas indirettament. Minn imkien ma jirriżulta illi parteċipi f'dak l-appalt kien hemm ħaddieħor apparti r-Rikorrent u Kurt Galea Pace. Fuq hekk biss il-qorti tqis illi r-Rikorrent ma irnexxilux jipprova li *prima facie* għandu jedd kontra l-Intimata. Dan naturalment dejjem fuq livell *prima facie*, għaliex kif inhu kostantement ritenut, bil-fatt li jiġi

deċiż li talba għall-ħruġ ta' mandat kawtelatorju ma tissodisfax l-elementi rikjesti mhux neċessarjament isegwi illi l-pretensjoni ma tiġiex akkolta fil-kawża fil-mertu wara li l-qorti tkun għarblet il-provi kollha imressqa f'dawk il-proċeduri, eżerċiżju li huwa eskluż li jsir fi proċeduri bħal dawk odjerni.

30. Fir-rigward tal-klawsola tal-penali kontemplata fi klawsola 3.4 tal-appalt iffirmat mir-Rikorrent u Kurt Galea Pace, ir-Rikorrent għandu pretensjoni kontra l-Intimata li tisboq is-somma ta' €100,000 bħala penali. Huwa paċifiku bejn il-partijiet illi l-Intimata la ddiskutiet mar-Rikorrent xi penali fil-konfront tagħha u wisq anqas iffirmat għal tali klawsola ta' penali. Fil-fehma tal-Qorti l-pretensjoni fir-rigward da parti tar-Rikorrent fil-konfront tal-Intimata ċertament li ma tissodisfax lanqas remotament il-kriterju tal-jedd *prima facie*.

31. L-istess konsiderazzjoni tapplika fir-rigward tal-pretensjoni ta' €26,439.50 rappreżentanti allegazzjoni dwar kirjiet ta' postijiet ta' abitazzjoni alternativa da parti tar-Rikorrent peress li l-appalt ma ġiex kompletat. Il-pretensjoni tar-Rikorrent fir-rigward kontra l-Intimata ma tikwalifikax bħala jedd *prima facie*. Ir-Rikorrent bl-ebda mod ma wera kif l-Intimata tista' tkun responsabbli għall-kirjiet li huwa jallega li kien kostrett fihom minħabba li l-appalt iffirmat ma' Kurt Galea Pace ma ġiex kompletat.

32. Finalment il-Qorti tqis illi sabiex rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni ai termini tal-Artikolu 874 tal-Kap. 12 jintlaqa' jeħtieġ illi l-ammont sħiħ indikat fir-rikors promotur jissodisfa l-kriterju tal-jedd *prima facie*. Jekk parti sostanzjali mill-ammont indikat bħala kreditu pretiż ma jissodisfax il-kriterju tal-jedd *prima facie,* kif irriżulta fil-każ odjern, allura t-talba ma għandiex tintlaqa'. Taħt il-proċedura dettata mill-Artikolu 874 il-Qorti ma għandiex is-setgħa li tilqa' parzjalment ir-rikors. Jew ir-rikors kif propost jissodisfa r-

rekwiżiti kollha u jintlaqa'; jew inkella ma jissodisfax fl-intier tiegħu ir-rekwiżiti kollha u jiġi miċħud.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddeċiedi billi,

1. **Tiċħad** it-talba tar-Rikorrent għall-ħruġ tal-Mandat;

2. **Tħassar** *contrario imperio* d-digriet tagħha tat-30 ta' Marzu, 2023 safejn kienet laqgħet provviżorjament it-talba;

3. **B'riżerva** ta' kull azzjoni oħra spettanti lir-Rikorrent in vista tal-konsiderazzjonijiet fuq magħmula.

4. **Bl-ispejjez** riżervati għall-ġudizzju finali fil-kawża fil-mertu.

**Mogħti kameralment illum 24 ta' April, 2023.**

| | |
|---|---|
| **Onor. Robert G. Mangion** | **Lydia Ellul** |
| **Imħallef** | **Deputat Registratur** |